# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun

## Laqgħa Nru. 18/*2016*

Data: L-Erbgħa 26 t'April 2016

Ħin: 6.30p.m.

Post: Sala tal-Kunsill Lokali

---

Preżenti: Is-Sur Christian Sammut - Sindku
Is-Sur Vincent Bonello – Viċi Sindku
Is-Sur Antonello Cuschieri -Kunsillier
Is-Sur Efrem Buttigieg - Kunsillier

***Karen Camilleri*** – *Segretarju Eżekuttiv*

Skużati:
Il-Kunsillier Louise Portelli talbet li tkun skużata minħabba raġunijiet ta' xogħol.
Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' xogħol
Il-Kunsillier Carmen Borg talbet li tkun skużata minħabba impenji mediċi.

Assenti:

---

## AĠENDA

1. Talba
2. Adjustments tal-Audited Financial Statements għas-Sena 2015
3. Aġġornament

**Minuti – 18/*2016***

**1.** Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-Mejda kopja tal-Adjustments tal-Financial Statements ippreparata mill-Awdituri Nexia BT.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li waqt l-istadju ta' Awditjar, ittieħdu miżuri sabiex dawn il-Financial Statements jirriflettu s-sitwazzjoni reali tal-Finanzji tal-Kunsill.

Fost miżuri li ttieħdu kien hemm ir-write off ta' €8,561 li skont il-Financial Statements passati dawn il-flus kienu dovuti mill-LCA u LTD, iżda skont korrispondenza mibgħuta mis-Segretarju Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali l-Kunsill ġie nfurmat li l-flus kollha dovuti lill-Kunsilli ġew mgħoddija ta' sa l-aħħar tas-sena 2011.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li din is-sena l-eżerċizzju ta' Awditjar mexa ħafna aħjar, minkejja xi diffikultajiet li ltaqgħet magħhom minħabba dokumentazzjoni ta' Grants li ttieħdu fil-passat.

Is-Segretarju Eżekuttiv fissret li jeħtieġ li jsir eżerċizzju mill-bidu nett dwar teknikalitajiet ta' workings fuq Defferred Grants u fuq id-Depreciation tal-Assi. Dwar dan tinsab f'kuntat mal-Kumpanija PKF sabiex jinbeda x-xogħol mill-aktar fis possibli.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill, għalaq is-sena b'surplus ta' €107,080.

Il-Kunsill approva l-aġġustamenti proposti mill-Awdituri.

## 2. Aġġornament.

**2.1** Il-laqgħa ntemmet fis-7.30p.m. u ġiet aġġornata għall-Erbgħa, 4 ta' Mejju 2016.

| | |
|---|---|
| Christian Sammut | Karen Camilleri |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |

Data: